MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 22/2004

**Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom tal-kumpanija
estera Royal and Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata
fid-drittijiet ta’ l-assikurat taghha Rocco Camilleri u l-istess
Rocco Camilleri u b’nota ta’ l-14 ta’ Gunju 2004, is-socjeta
Elmo Insurance Limited bhala surrogata fid-drittijiet ta’
l-assikurat taghha, assumiet l-atti tal-kawza.**

**vs**

**Francis Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Jannar, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u hamsa u sebghin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm175.64) rappresentanti danni subiti mill-atturi f'incident stradali li sehh fl-20 ta' Frar 2002 gewwa z-Zurrieq, filwaqt illi Alexander George Camilleri, iben l-attur, kien qed isuq il-vettura bin-numru AAA 452, proprjeta' ta' missieru, sehhet kollizzjoni mal-vettura bin-numru IAW 695, misjuqa mill-konvenut, ghal liema incident kien jahti unikament l-istess konvenut.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-13 ta' Awissu 2002 u bl-imghax legali mid-data ta'l-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-12 ta' Marzu 2004, fejn huwa eccepixxa illi huwa ma jahtix ghall-incident mertu tal-kawza, u ghalhekk ma ghandux ibati ebda danni allegatament sofferti mill-atturi. Bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda ta' Alexander George Camilleri, ta' PS 1448, Victor Buttigieg, ta' Joseph Mula u Charles Cauchi, u tal-konvenut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh gewwa Triq Qrendi iz-Zurrieq, meta iz-zewg vetturi kienu qed jinsaqu fid-direzzjoni l-opposta ta' xulxin. Iz-zewg sewwieqa jaqqblu illi l-parti tat-triq fejn sehhet il-kollizzjoni hija piuttost dejqa li qajla tippermetti zewg vetturi ighaddu biswiet xulxin. Madanakollu huma jaghtu verzjoni kompletament differenti minn xulxin tad-dinamika ta' dana l-incident stradali ghaliex filwaqt illi Alexander Camilleri isostni illi huwa kien wieqaf fil-mument li sehhet il-kollizzjoni, wara vettura ohra li kienet ipparkeggjata u dana sabiex jippermetti il-vann tal-konvenut ighaddi minn hdejh, il-konvenut ighid mod iehor u jishaq illi fl-ebda mument Camilleri ma waqaf izda baqa' isuq tant illi

ghalkemm l-istess Camilleri kien qieghed izomm kemm jista’ ikun mal-bankina izda f’punt minnhom huwa qala xi ftit ‘il barra minhabba rampa ta’ garaxx u ghalhekk l-konvenut laqqtu b’gancetta li kellu imwahhla mal-bieba ta’ wara tal-vann tieghu. Dana gara peress illi ghalkemm huwa lahaq ghadda minn quddiem, izda peress illi kiser xi ftit ‘il gewwa sabiex jevita l-kollizzjoni, huwa sporga ‘il barra min-naha ta’ wara u ghalhekk laqat il-vettura ta’ Camilleri.

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi peress illi l-parti tat-triq fejn sehhet il-kollizzjoni hija piuttost dejqa, allura jinkombi fuq l-utenti ta’ din it-triq, r-responsabbilta’ illi jassiguraw ruhhom illi meta jaghmlu uzu mill-istess huma ikunu jistghu ighaddu komodament. Ghalhekk qabel ma ighaddu minn din il-parti tat-triq huma iridu izommu “a proprer lookout” u jaghmlu l-kalkolazzjonijiet taghhom sabiex jassiguraw rwiehom illi jistghu ighaddu minghajr diffikulta u minghajr periklu ghal haddiehor.

Illi f’dan il-kaz ghalkemm iz-zewg verzjonijiet huma dijametrikament opposti, jidher illi Camilleri kien l-iktar wiehed prudenti miz-zewg sewwieqa meta gie biex ighaddi minn din it-triq. Qabel xejn Camilleri jishaq fix-xhieda tieghu illi kif lemah il-vann tal-konvenut huwa dahal kemmxejn ‘il gewwa mal-bankina u waqqaf sahansitra wara vettura ohra li kienet ipparkeggjata fit-triq u qaghad jistenna il-vann tal-konvenut sabiex ighaddi qabel ma ighaddi hu. Inoltre anke jekk ghal grazzja ta’l-argument wiehed kellu jemmen l-verzjoni moghtija mill-konvenut, xortwahda johrog minn din ix-xhieda illi Camilleri zamm “*a proper lookout*” ghaliex il-konvenut stess jishaq illi Camilleri kien qieghed izomm mal-bankina, izda imbaghad ighid illi dana hareg ‘il barra minhabba rampa ta’ garaxx u ghalhekk huwa ma lehaqx ghadda minn hdejh izda laqqtu minn wara bil-gancetta tal-bieba tieghu. Jidher ghalhekk illi l-konvenut ma ghamel l-ebda kalkolazzjoni qabel ma ghadda minn din il-parti tat-triq u baqa’ ghaddej fid-dritt u halla lil Camilleri jipprova jitrekken kemmxejn ‘il gewwa sabiex huwa ikun jista’ ighaddi minn hdejh.

Illi inoltre, t-Tribunal josserva ukoll illi l-verzjoni moghtija mill-konvenut fix-xhieda tieghu ma taqbilx ma' dak illi huwa qal lill-pulizija meta sehhet il-kollizzjoni. Fir-*road accident report* esebiet mill-PS 1448 Rogers, jirrizulta illi l-konvenut kien qal lis-surgent illi huwa ra lil Camilleri gej mid-direzzjoni l-opposta tat-triq u haseb li dana kien ser jipparkeggja mal-genb tat-triq sakemm ighaddi hu, izda kif ghadda biswiet tieghu, dana saq u ghalhekk huwa laqqtu. Hawnhekk ghalhekk l-konvenut qieghed ighid illi fil-fatt Camilleri kien wieqaf u mhux kif sostna quddiem dana it-Tribunal illi Camilleri fl-ebda mument ma waqqaf u baqa' ghaddej! Din il-verzjoni ghalhekk tixbah kemmxejn dik moghtija minn Camilleri, li fil-fatt jishaq illi huwa ipparkeggja wara vettura ohra li kienet wieqfa fit-triq. Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, it-Tribunal isib illi mill-kumpless tal-provi prodotti jidher illi l-verzjoni moghtija minn Camilleri hija iktar verosimili u kredibbli. Ghal dawn il-motivi ghalhekk it-Tribinal ma jista' isib l-ebda htija fis-sewqan ta' Camilleri li jidher li kien kompletament wieqaf fil-mument li sehh l-incident u li l-konvenut baqa' ghaddej minn hdejh minghajr ma zamm l-attenzjoni mehtiega iktar u iktar meta wiehed iqies illi t-triq kienet wahda pjuttoist dejqa, tant illi laqat il-vettura ta'l-attur b'gancetta li kellu tisporgi min-naha ta' wara tal-vann tieghu u baqa' sejjer.

Illi ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, dawn jidher illi ma humiex qed jigu ikkontestati mill-kontro-parti, oltre ghal fatt illi mid-dokumenti esebiti u mix-xhieda kemm ta' Joseph Mula, kif ukoll tas-surveyor Charles Cauchi, jidher illi l-ammont mitlub huwa wiehed gustifikat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza u ghalhekk ighaddi sabiex filwaqt li jichad l-eccezzjoni moghtija mill-konvenut, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u hamsa u sebghin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm175.64), bl-imghaxijiet legali mit-13 ta' Awissu 2002.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tat-13 ta’ Awissu 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------